MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Talba Numru. 319/2004

**Commonwealth Educational Society Ltd. ta' Nassau, Bahamas kif rapprezentata lokalment mill-mandatarju taghha Antonia Aquilina**

**vs**

**Citadel Insurance plc**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Frar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mija u tnejn u disghin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm192.96) bhala bilanc ta' prezz ta' diversi kotba mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut ai termini tal-iskrittura datata 19 ta' Awissu, 1999 (Dok.A);**
**Is-socjeta` attrici nominee qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-prezentata tal-ittri ufficjali tas-6 ta' Dicembru, 2002**

**kif ukoll l-ispejjez tat-talba, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-16 ta' April, 2004 ghas- subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, u peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tnejn u disghin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm192.96) bl-imghax legali dekoribbli mis-6 ta' Dicembru, 2002, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------